MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 226/2005

**Lawrence Attard f'isem u in rapprezentanza tal-kumpanija ELA Limited**

**vs**

**John Curmi**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur nomine ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tlett mija u erbghin Lira Maltin u hmistax –il centezmu (LM2,340.15,0), rapprezentanti l-hlas ta' servizzi li saru minn Edward Woods fuq id-dghajsa bl-isem ta' "Aioel eus" proprjeta' teighu, liema kreditu gie cedut u ossenjat minn Esward Woods favu l-attur Lawrence**

**Attard ai termini ta' skrittura privata datata il-31 t'Awissu tas-sena 2003;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attur nomine sabiex il- konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-1 ta' Novembru tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur nomine bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------